MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**LAWRENCE MINTOFF**

**Seduta tal-14 ta' Diċembru, 2015**

Rikors Maħluf Numru: 9/15LM

**Direttur Ġenerali (Taxxi Interni)**

**vs**

**Sven David Nordh Ingemar (Karta tal-Identità Nru: 101989A)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors imressaq mir-rikorrent **Direttur Ġenerali (Taxxi Interni)** fis-7 ta' Jannar, 2015 fejn espona bir-rispett:

> *Illi d-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri Oħra tas-16 ta' Marzu 2010 tippromwovi u tirregola l-kollaborazzjoni*

*bejn Stati Membri fir-rigward ta' irkupru ta' taxxa u/jew dazju dovuta minn debituri ta' Stat Membru partikolari li jinsabu f'territorju ta' Stat Membru ieħor, u miżuri oħra;*

*Illi din id-Direttiva ġiet implimentata fil-Liġi ta' Malta permezz tal-Ordni ravviżat fl-Avviż Legali Nru 153 tas-sena 2012 liema Avviż Legali daħal fis-seħħ fl-ewwel (1) ta' Jannar 2012 u li jippermetti lid-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) f'isem il-Ministru responsabbli għall-Finanzi (recte), bħala l-awtorità kompetenti, sabiex jiġbor taxxa dovuta fi Stati Membri oħra fejn id-debitur jinsab ġewwa Malta;*

*Illi ai termini tad-Direttiva imsemmija, l-awtorità kompetenti tal-Iżvezja (recte), ossija l-awtorità applikanti, għamlet talba għall-assistenza lill-esponent Direttur Ġenerali (Taxxi Interni), f'isem il-Ministru responsabbli għall-Finanzi, sabiex l-esponent jirkupra taxxa li hi dovuta lill-istess awtorità applikanti;*

*Illi l-intimat għandu taxxa dovuta lill-awtorità applikanti tal-Iżvezja (recte) fl-ammont ta' sittax-il elf, disa' mija u erba' euro u tmenin ċenteżmi (€16,904.80) li huma ekwivalenti għal mija, tmienja u ħamsin elf, tliet mija, tmienja u disgħin Krona Żvediża (recte) (158,398kr), kif jidher mill-Istrumenti Uniformi li jippermettu Infurzar hawn annessi u mmarkati bħala Dok. 'A' , Dok. 'B', Dok. 'Ċ', Dok. 'D', Dok. 'E' u Dok. 'F' oltre interessi skont il-liġi.*

*Illi l-intimat huwa indikat li jinsab ġewwa Malta u għalhekk l-esponent qed jipproċedi sabiex jirkupra l-ammont hawn fuq imsemmi stante li l-imsemmi dejn qed jitqies daqslikieku kien dejn dovut lill-Gvern ta' Malta u dan ai termini tal-Artikolu 9 tal-imsemmi Avviż Legali;*

*Illi l-esponent hu sodisfatt illi fir-rigward ta' din it-talba ta' rkupru ġew*

*imħarsa r-rekwiżiti rilevanti kollha tal-imsemmija Direttiva;*

*Illi, kif ukoll, l-intimat għandu dritt għal traduzzjoni tal-istess Dok. 'A' , Dok. 'B', Dok. 'Ċ', Dok. 'D', Dok. 'E' u Dok. 'F' f'waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew ta' Malta. Fir-rigward ta' dan qiegħed jiġi allegat dokument ma' dan ir-rikors, u mmarkat bħala Dok. 'Ġ' sabiex l-intimat ikun speċifikament infurmat illi tali rikjesta għandha ssir fi żmien sebat (7) ijiem mid-data ta' notifika tal-istess dokument.*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, ai termini tas-sub-artikoli 9(6) u (7) tal-imsemmi Avviż Legali, fl-ewwel lok tordna li kopja ta' dan ir-rikors flimkien mad-dokumenti annessi u mmarkati bħala Dok. 'A' , Dok. 'B', Dok. 'Ċ', Dok. 'D', Dok. 'E', Dok. 'F' u Dok. 'Ġ' jiġu notifikati lill-intimat skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u fit-tieni lok sabiex tordna r-reġistrazzjoni tad-dokumenti annessi u mmarkati bħala Dok. 'A' , Dok. 'B', Dok. 'Ċ', Dok. 'D', Dok. 'E' u Dok. 'F', bħala kopja uffiċjali tagħhom, sabiex tali dokumenti jikkostitwixxu titolu eżekuttiv.*

Rat l-atti kollha tar-Rikors.

Mill-atti jirriżulta li l-intimat **Sven David Nordh Ingemar (Karta tal-Identità Nru: 101989A)** ġie debitament notifikat (a fol. 45 sa 52 tal-proċess) iżda ma kkontestax il-proċeduri.

Rat in-Nota ta' riduzzjoni tal-Kummissarju tar-rikorrent ippreżentata fit-28 ta' Awwissu, 2015 (a fol. 53 tal-proċess) fejn irriduċa t-talba tiegħu kif dedotta fir-

rikors promotorju minn sittax-il elf, disa' mija u erba' euro u tmenin ċenteżmi (€16,904.80) għal erbatax-il elf, mitejn u ħamsa u tletin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (€14,235.75).

**Decide**

**Din il-Qorti tinsab sodisfatta li f'dan il-każ ġew segwiti r-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE u tal-Avviż Legali 153 tal-2012 u għaldaqstant qiegħda tordna li ssir ir-reġistrazzjoni tad-dokumenti annessi mar-rikors promotur u mmarkati bħala Dok. 'A' , Dok. 'B', Dok. 'Ċ', Dok. 'D', Dok. 'E' u Dok. 'F', bħala kopja uffiċjali tagħhom, sabiex tali dokumenti jikkostitwixxu titolu eżekuttiv, iżda limitatatament għas-somma kif ridotta bin-Nota li tinsab a fol. 53 tal-proċess ta' erbatax-il elf, mitejn u ħamsa u tletin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (€14,235.75), oltre l-imgħaxijiet skont il-liġi.**

**Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra l-intimat Sven David Nordh Ingemar.**

Moqrija

--------------------TMIEM--------------------